MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1640/2010

**26th Frame Limited – C-36306**

**vs**

**Gilbert Busuttil**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi konvenut jigi dikjarat debitur tal-istess Socjeta' attrici fis-somma ta' elf, sitt mija u sittax il-Ewro u sittin centezmu (€1,616.60c), rapprezentanti import ta' tliet fatturi fejn intalab prezz ta' servizzi rezi mis-Socjeta' attrici lill-konvenut fuq inkarigu tal-istess konvenut.

Illi l-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra legali datata 12 ta' Marzu 2010, u bl-interessi mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-

pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas is-somma ta’ elf, sitt mija u sittax il-Ewro u sittin centezmu (€1,616.60c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------